Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,924, 16 ta' Settembru, 2022
Taqsima B

A.L. 233 tal-2022

ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA
(KAP. 464)
Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Raba' u l-Ħames Skedi li jinsabu mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 51 tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, il-Ministru għas-Saħħa għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Raba' u l-Ħames Skedi li jinsabu mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Raba' u l-Ħames Skedi li jinsabu mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "r-Raba' Skeda" u "l-Ħames Skeda" rispettivament.

Kap. 464.

Emenda fit-Tieni Taqsima tar-Raba' Skeda.

2. Fit-Taqsima II fir-Raba' Skeda, fil-partita "- Infermieri u Qwiebel" għandhom jiżdiedu l-kliem li ġejjin:-

"Assoċjazzjoni ta' Infermiera u Qwiebel fi Prattika Avvanzata".

Emenda fil-Ħames Skeda.

3. Fil-Ħames Skeda, it-Taqsima "A. TOBBA" għandha tiġi emendata kif ġej:-

(a) fil-verżjoni bl-Ingliż biss, fil-partita 39 tagħha, l-kliem "v. Paediatric Infectious Disease" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "v. Paediatric Infectious Diseases and Immunology".

(b) fil-verżjoni bil-Malti biss, fil-partita 45 tagħha, il-kliem "iv. Mard Infettiv Pedjatriku" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "iv. Mard Infettiv u Immunoloġija Pedjatrika";